**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Gunju, 2017**

Numru 5

**Rikors Guramentat Nru. 794/2015**

**Julie Ann Auerbach f'isimha proprio u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri Lauren**

**vs**

**Brian Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-20 ta' Awwissu, 2015 li jghid hekk:

1. Illi il-partijiet kienu mizzewgin u iddivorzjaw fit-02 ta' April 2012 u allura spiccat, b'effett minn dik id-data, il-komunjoni tal-akkwisti li sa allura kienet tirregola ir-regim taz-zwieg taghhom.

2. Illi min dan iz-zwieg twieldet tifla li jisimha Lauren u illum ghandha l-eta ta' erbatax-il sena.

3. Illi fis-sena 2007 il-partijiet ghazlu li jifthu investment fund u ghal dan l-iskop inkarigaw lii Rizzo & Farrugia Limited u halqu l-hekk imsejjah "The Lauren Mizzi Education Fund", li fiha originarjament huma poggew is-somma ta' Lm500 kull wiehed - b'kollox is-somma ta' Lm1,000 (€2,329.37). Mal-moghdija taz-zmien din is-somma telghet sostanzjalment.

4. Illi meta l-partijiet kienu qed jiddivorzjaw, huma ghamlu riferenza ghal dan il-fund u infatti, inter alia, fl-artikolu 21(f) tal-kuntratt ta' separazzjoni/divorzju huma tennew "It is understood that the educational fund opened in the Parties' joint names for the benefit of the Minor Child shall remain unaffected by the terms of this deed."

5. Illi minn wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjonl/divorzju ta' bejn il-partijiet, ir-relazzjonijiet bejniethom ippeggorat, u l-konvenut, ad insaputa tal-attrici, qabad u illikwida l-istess Fund u dawwar a vantagg tieghu l-ammont li gie realizzat. Dan sar billi l-istess konvenut ta istruzzjonijiet unilaterali u specifici lill-manager tal-Fund biex jaghlaq u jillikwida l-istess Fund.

6. Illi in kwantu jirrigwarda il-"fund manager" it-termini tal-Fund kienu fis-sens illi kwalsiasi parti (mill-kontendenti) setghet tiffirma u torbot l-istess Fund u kien ghalhekk illi l-konvenut qabad u bla kliem u ad insaputa tal-attrici ghalaq l-istess Fund. Il-Fund giet maghluqa definittivament fit-2 ta' Dicembru 2014.

7. Illi l-attrici saret taf b'dan il-fatt recentement u b'kumbinazzjoni u hekk kif saret taf hija immedjatament ikkomunikat mal-konvenut u bl-ittra legali tat-30 ta' Marzu 2015 l-ewwel invitatu jaghti spjegazzjoni tal-agir tieghu u meta dan injora tali invit, allura talbitu jghaddi nofs il-valur tal-istess Fund lilha. Kull komunikazzjoni f'dan ir-rigward intlaqghet negattivament da parte tal-konvenut.

8. Illi it-tifla evidentement ghadha taht l-eta u (konsegwentement) l-edukazzjoni taghha ghadha ghaddejja u kwindi l-konvenut ma setghax jaqbad u jaghlaq l-istess Fund u per gunta idawwar a vantagg tieghu innifsu biss l-ammont hekk likwidat.

9. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni/divorzju, in kwantu jirrigwarda l-edukazzjoni terzjarja ghat-tifla ghajr ghall-Fund, il-konvenut intrabat li jibqa' jipprovdi ghall-istess edukazzjoni tat-tifla f'livell terzjarju purche u biss jekk l-istess tifla tkun attendiet boarding school fl-Ingilterra u precizament f'Marlborough College. Il-konvenut ghamel minn kollox biex dan isehh u sahansitra anke proceda gudizzjarjament kontra l-attrici izda il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja u tal-Farnilja, ghal aktar minn darba, irriteniet li kien aktar vantaggjuz, ghat-tifla u fl-interess suprem taghha, li hija ma titlax tistudja f'Marlborough College fl-Ingilterra u effettivament it-tifla baqghet tkompli bl-istudji taghha hawn Malta.

10. Illi it-tifla ghandha l-potenzjalita u l-kapacita li tkompli l-istudji taghha terzjarji hawn Malta u kwindi l-ghan tal-istess Fund jista' jigi raggunt xorta wahda. Infatti fit-twaqqif tal-istess Fund ma hemm assolutament ebda rabta mal-fatt li t-tifla titla' tistudja bil-fors, trid u ma tridx, f'Marlborough College - del resto dan lanqas ma seta' jigi miftiehem bejn il-partijiet u attwalment jigi esegwit stante li t-tifla ghandha d-drittijiet taghha u ma hijiex u ma tistax tigi konsidrata bhala oggett li jista' jitpogga fejn u kif irid il-konvenut!

11. IIli il-klawsoli tal-kuntratt jitkellmu car f'dan ir-rigward u l-attrici ittenni li kienet attenta kemm jista' jkun li ma tintrabat qatt li assolutament, trid u ma tridx, takkonsentixxi illi t-tifla titla' tistudja fejn ried il-konvenut u cioe fl-Ingilterra - hawn qed issir riferenza wkoll ghall-klawsola numru 5(iv) tal-istess kuntratt fejn jinghad "Without commitment on the Wife's part, the spouses hereby undertake to review ...”.

12. Illi jigi premess ukoll illi ma kinitx biss l-attrici li ma rieditx lil bintha titla’ tistudja fl-Ingilterra, fl-eta hekk zghira u minorenni, izda kienet tal-istess opinjoni din il-Qorti innifisha, skond ma jirrizulta mill-pronunzjamenti awtorevoli taghha stess meta iddegretat ir-rikorsi tal-konvenut fis-sens li iddegretathom.

13. Illi huwa ovvju illi la darba l-partijiet qablu specifikament, fil-kuntratt ta' bejniethom, illi l-istess Fund tibqa' a vantagg tat-tifla, illi l-konvenut ma setghax u unilateralment jillikwida l-istess Fund u per gunta jdawwar a vantagg tieghu r-rikavat tal-istess Fund. Fil-fatt l-artiklu 21 tal-istess att ta' separazzjoni jillikwida, b'mod definittiv, l-istess komunjoni tal-akkwisti ezistenti allura bejn il-partijiet u jhalli operanti u veljanti l-imsemmija Fund.

14. Jghid ghalhekk il-konvenut, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni, ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex [1] tiddikkjara illi l-konvenut ma kellu ebda dritt illi jaqbad u jillikwida l-istess Fund u jdawwar a vantagg tieghu r-rikavat tal-istess Fund ad eskluzjoni assoluta kemm tal-attrici kif ukoll tat-tifla, [2] tordna lill-konvenut jirripristina l-istess Fund billi jerga' jiftahha taht l-istess termini u kondizzjonijiet li kienet f'isem iz-zewg partijiet li kienu u jibqghu l-genituri ta' binthom komuni, [3] tinnomina Fund Manager biex jamministra tali Fund sakemm it-tifla tispicca l-istudji taghha terzjarji, [4] in difett li tilqa' it-tieni u tielet talba attrici allura tiddikkjara illi l-istess flejjes formanti r-rikavat tal-imsemmija Fund likwidata mill-konvenut jappartjenu lill-istess partijiet f'ishma indaqs bejniethom billi l-istess Fund kienet miftuha f'isem il-partijiet it-tnejn u kwindi nofs l-istess somma tappartjeni lill-attrici u konsegwentement [4] tordna lill-konvenut ihallas nofs l-istess ammont li huwa ippercepixxa meta illikwida l-istess Fund, bl-imghax legali mid-data tal-istess likwidazzjoni sad-data tal-effettiv pagament - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

15. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' zewg ittri legali kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok, l-attrici odjerna ma setghetx tarroga ghaliha nnifisha, wahedha, l-awtorita illi tagixxi bhala kuratrici ad litem tal-minuri Lauren-Rose Mizzi, meta ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, l-istess minuri hija soggetta ghall-kura u kustodja, u awtorita tal-genitur, taz-zewg genituri, u ghalhekk l-istess attrici ma ghandha ebda interess guridiku u kapacita illi tagixxi fil-kwalita rapprezentattiva illi hija arrogat ghaliha nnifisha;

2. Illi hemm qbil dwar dak dikjarat fl-ewwel zewg paragrafi paragrafu tar-Rikors Promotur in kwantu dawn jirrigwardaw il-fatti;

3. Illi b'danakollu. assolutament mhux minnu illi l-attrici proprio qatt ivversat xi flus fir-rigward ta' dan il-fund. Il-flus illi gew investiti f'dan il-fund kienu dejjem thallsu mill-istess esponenti jew familjari tieghu;

4. Illi dan il-fund gie kkreat specifikament ghaliex, matul iz-zwieg tal-partijiet, kien hemm il-hsieb, skont ix-xewqa tal-esponenti, illi l-bint minuri tal-partijiet, Lauren-Rose tattendi l-Marlborough College fir-Renju Unit. Fil-fatt il-minuri Lauren-Rose kienet imnizzla sabiex tattendi din l-iskola minn meta kienet zghira. Dan kien l-uniku skop ta’ dan il-fond;

5. Illi l-mizati u l-ispejjez involuti sabiex wiehed jattendi dan il-kullegg huwa konsiderevoli ferm, u dan jirrifletti l-fatt illi dan il-Kullegg hu wiehed mill-aktar skejjel esklussivi fid-dinja u din kienet ir-raguni ghaliex l-esponenti kkrea dan il-fond;

6. Illi l-attrici, preliminarjament qatt ma tat l-impressjoni illi kienet kontra illi Lauren-Rose tattendi din l-iskola, u fil-fatt wara d-divorzju ta' bejn il-partijiet, l-esponenti flimkien mal-atturi zaru Marlborough College. L-attrici accettat illi ssir tali zjara wara illi l-esponenti accetta illi jhallas xi kontijiet taghha illi kienu pendenti. Sussegwentement ghamlet minn kollox biex ix-xewqa tal-esponenti ma tigix fis-sehh, u effettivament, il-minuri Lauren-Rose ma tattendix f'dan il-kullegg prestiggjuz, u ghalhekk l-iskop specifiku ta' dan il-fond gie totalment estint;

7. Illi l-esponenti assolutament ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija mill-attrici dwar il-klawsola numru 21(f) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-partijiet. Ghalkemm jinghad illi "It is understood that the educational fund opened in the Parties' joint names for the benefit of the Minor Child shall remain unaffected by the terms of this deed", wiehed irid jiftakar illi f'dak iz-zmien, kien ghad hemm il-possibilita illi l-minuri tattendi Marlborough College, u ghalhekk l-intiza cara kienet fis-sens illi minkejja kull dispozizzjoni patrimonjali fil-kuntratt bejn il-partijiet, u minkejja kull dispozizzjoni dwar il-manteniment tal-minuri, dan il-fond kellu jibqa' mhux mittiefes - ovvjament sakemm il-minuri tibda tattendi l-istess kullegg;

8. Illi b'danakollu, certament illi bl-ebda mod ma jista' qatt jinghad illi dan il-fond, intiz ghall-edukazzjoni tal-minuri f’Marlborough College, ghandu jibqa' perpetwament in. vigore ladarba r-raguni bazilari ta' dan il-fund giet estinta, u wisq anqas dan qatt seta' jsir proprjeta tal-attrici, imqar in parti. Wara illi r-raguni bazilari ghalxiex gie kkreat ta' dan il-fund giet estinta, l-esponenti ma komplix jinvesti f'dan il-fund;

9. Illi ghandu jinghad illi ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet, apparti manteniment sostanzjali ta' tmien mija u erbgha u sebghin euro u tmintax-il centenzmu (€874.18) fix-xahar ghall-minuri Lauren-Rose, u tlett elef euro (€3,000) fis-sena ghal hwejjigha, l-esponenti jhallas ukoll l-ispejjez kollha tal-minuri inkluz kull spiza relatata mas-sahha, u l-ispejjez kollha, sal-anqas centezmu, relatati mal-edukazzjoni tal-istess minuri, inkluzi privatijiet, minghajr ebda kontribuzzjoni da parti tal-attrici. Ghalhekk huwa ovvju illi kwalunkwe fond relatat mal-edukazzjoni tal-minuri ghandu jigi amministrat unikament mill-esponenti li jbati interament, wahdu, l-ispejjez kollha edukattivi tal-minuri. Illi kien f'dan il-kuntest illi l-esponenti fittex illi jinvesti l-flus in kwistjoni b'mod illi l-aktar illi jirrendi;

10. Illi t-tmien paragrafu tar-rikors guramentat, tenut kont illi kif diga ritenut, l-esponenti jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' natura edukattiva, huwa totalment infondat;

11. Illi l-asserzjoni kontenuta fid-disa' paragrafu tar-rikors guramentat hija skorretta u infondata, u dan ghaliex klawsola 8(ii) tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet tipprovdi illi l-esponenti ghandu jhallas, wahdu, "All the Minor Child's education. costs in Malta up to and including tertiary (University level) including tuition fees, agreed or recommended private lessons, books or annual stationery and uniforms, electronic educational tools, as are reasonably required, and school transport costs". Dan ovvjament ifisser illi jekk il-minuri Lauren-Rose tkompli l-istudji terzjari taghha f'Malta,

l-esponenti ghandu l-obbligu illi jiehu hsieb dawn l-ispejjez u huwa assolutament ma ghandu ebda intenzjoni illi jonqos minn dan;

12. Illi l-ghaxar paragrafu tar-rikors guramentat hu ukoll infondat, ghall-istess ragunijiet, ghaliex kif diga gie spjegat, il-kuntratt tas-separazzjoni jipprovdi illi l-esponenti jibqa' jhallas l-ispejjez edukattivi kollha tal-minuri Lauren-Rose f'Malta sal-livell terzjarju. Bl-akbar rispett, ghalkemm il-bint minuri tal-partijiet hi individwu, hija xorta wahda tibqa' soggetta ghas-setgha tal-genituri taghha, illi ghandhom id-dmir illi jiehdu d-decizjonijiet fl-ahjar interess tal-istess minuri sakemm hi tilhaq l-eta maggorenni, u kwindi l-asserzjoni illi l-minuri ghandha drittijiet taghha hija gratuita u irrilevanti fil-kuntest ta' dawn il-proceduri;

13. Illi ghall-kompletezza, l-esponenti jirrileva, fir-rigward tat-tnax-il paragrafu tar-rikors promotur, illi kien hemm diversi rikorsi illi gew imressqa minnu quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) f'dan is-sens u ghalhekk bhala konsegwenza tal-istess jista' effettivament jinghad illi r-raguni l-ghaliex gie ikkreat dan il-fond giet reza kompletament estinta - dan ukoll ghaliex il-minuri tilfet l-opportunita illi tattendi l-istess Kullegg.

13. Illi in vista ta' dak kollu fuq premess, l-esponenti jissottometti illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Rat li l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni teighu b'verbal tal-24 ta' Novembru 2015;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-attrici qed tallega illi l-konvenut ivvjola kundizzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' April 2012. Din il-kundizzjoni cioe 21(f) hi s-segwenti:

> The parties agree that, saving what is otherwise specifically stated in this deed each party shall retain in exclusive ownership the liquid cash, bank accounts, documents of title and/or Life Insurance Policies in his or her respective possession or held in his or her respective name. Saving for the above and in this regard, the Parties declare that they have already liquidated and divided to their mutual satisfaction all bank accounts held in their joint names. **It is understood that the educational fund opened in the parties' joint names for the benefit of the Minor Child shall remain unaffected by the terms of this deed**; (enfasi tal-Qorti)

Il-parti li l-attrici tallega li kiser il-konvenut tirrigwarda l-educational fund miftuh fiz-zwieg fl-isem kongunt tal-kontendenti li kellu jibqa' mhux mittiefes bil-kundizzjonijiet tas-separazzjoni. Infetah ghall-edukazzjoni ta' binthom Lauren. Jirrizulta bhala fatt illi f'Dicembru 2014, il-konvenut ghalaq l-imsemmi fond li kien jikkonsisti f'zewg bonds u kontanti ammontanti ghal €20,820.77 u nfetah kont f'isem il-konvenut wahdu. Dan hu konfermat mix-xiehda ta' Vincent Rizzo ta' Rizzo, Farrugia and Co-Stockbrokers li kienu jiehdu hsieb il-fond u ghadhom qed jiehdu hsieb ir-rikavat izda f'isem Brian Mizzi biss.

Il-fond msejjah Lauren Mizzi Educational Fund infetah orginarjament f'Jannar 2007 f'kont kongunt tal-kontendenti. Infetah b'cheque mahrug minn Brian Mizzi ta' Lm1,000. Sussegwentement zdied b'cheque ta' Brian Mizzi ta' €5,000 fil-21 ta' Lulju 2008 u b'cheque iehor ta' €8,000 moghti miz-ziju tal-konvenut Maurice Mizzi f'isem is-socjeta Investors Limited fit-23 ta' Lulju 2008 bhala kontribuzzjoni tieghu ghal-istess fond biex jghin lin-neputi tieghu finanzjarjament ghall-edukazzjoni tat-tifla tal-kontendenti.

Jidher illi l-iskop ta' dan il-fond kien sabiex it-tifla Lauren tinghata edukazzjoni post sekondarja f'kullegg maghruf fl-Ingilterra cioe Marlborough College meta taghlaq l-erbatax-il sena cioe fi-sena skolastika 2014/2015. Dan hu konfermat mill-konvenut u min zijuh Maurice Mizzi ghalkemm l-istess Maurice Mizzi izid illi hu kkontribwixxa l-flus ghall-edukazzjoni terzjarja ta' Lauren Mizzi kemm f'Malta u kemm barra. Jidher wkoll illi Brian Mizzi irregistra lit-tifla biex tmur f'dan il-kullegg fl-Ingilterra fis-17 ta' Mejju 2011 u hallas 150 lira sterlina depozitu. Martu ma ffirmatx din l-applikazzjoni u skond ittra legali skambjata bejn id-difensur tal-kontendenti qabel is-separazzjoni (Dok. JS1 u JS2 a fol. 214 sa 220) jidher li l-attrici ma kinitx konsapevoli b'din l-applikazzjoni. Ghalkemm l-attrici ma tikkommettix ruhha fuq ix-xewqa tal-konvenut jidher li kienet taf b'dan ghax hi stess issostni li meta nfetah il-fond hi kkontribwiet Lm500 minn flusha; u l-Qorti ma tarahiex plawsibbli li f'dak il-perjodu ma kinitx taf bix-xewqa ta' missier binthom li l-fond ghall-edukazzjoni tat-tifla kien principalment intiz biex jingabru fih fondi sakemm it-tifla tkun kibret bizzejjed biex tmur barra minn Malta u tircievi l-edukazzjoni post sekondarja fl-Ingilterra.

Maghdud dan jidher bhala fatt mill-klawsola 5(iv) tal-kuntratt ta' separazzjoni illi din ix-xewqa ta' missier Lauren kienet ben maghrufa ghall-attrici mill-kliem tal-klawsola fejn jinghad hekk:

> With regard to the education of the parties' Minor Child, the parties agree that the Minor Child shall continue attending St. Michael's Foundation school in Malta or any other local school or college according to the best interests of the child. Neither party shall seek to remove the child from the said school(s), except with the written consent of the other party. Without commitment on the Wife's part, the Spouses hereby undertake to review this decision by the end of the year two thousand and twelve (2012) with a view to moving forward with the Minor Child's attendance at the boarding school abroad namely Marlborough College in the United Kingdom - commencing from the scholastic year two thousand and fourteen to two thousand and fifteen (2014/2015). The Minor Child has already been registered and a deposit duly paid for her attendance at Marlborough College in September two thousand and fourteen (2014) subject to her entrance examination for the college. The parties hereby undertake to cooperate with one another to facilitate a decision in the best interests of the child, and to do and perform all acts to encourage the child's attendance at this College within the scholastic terms herein stipulated. For this purpose the parties agree to travel to the United Kingdom with the child to view Marlborough College. The travel and accommodation expenses for this visit shall be at the sole charge of the Husband. Should it be decided that the child will attend the said Marlborough college it is agreed that the relative cost for such schooling and relative stay shall be at the sole charge of the Husband, who will similarly be financially responsible to pay for one trip per term for the mother, and agreed accommodation, possibly, if available in a four star hotel, shall also be at the exclusive charge of the Husband. The Husband will similarly pay for the child's trip to Malta and back to college during all her vacations.

Gie miftiehem ukoll fil-kuntratt ta' separazzjoni illi l-konvenut hu obbligat imantni lil bintu l-ammont ta' €800 fix-xahar manteniment awmentabbli kif stipulat fil-kuntratt; l-ispejjez ta' sahha tal-minuri inkluz assikurazzjoni tas-sahha; sa €3,000 fis-sena ghal hwejjeg; u l-ispejjez kollha ghall-edukazzjoni inkluz sa livell terzjarju f'Malta flimkien ma' kotba, transport, fees, u lezzjonijiet tal-privat maqbula jew rakkomandati sakemm il-minuri tispicca l-edukazzjoni terzjarja taghha. Fi klawsola 8(ii) jizdied illi jekk il-minuri ma tattendix Marlborough College allura l-konvenut mhux obbligat ihallas ghall-edukazzjoni terzjarja tal-minuri barra minn Malta.

Din il-kondizzjoni maghmula qabel dik mertu tal-kawza cioe 21(f) fil-fehma tal-Qorti jaghti indikazzjoni cara tal-intenzjoni tal-partijiet kif ser jigi spjegat aktar il-quddiem.

Din is-sitwazzjoni kienet ghadha wahda fluida meta sar il-kuntrat ta' separazzjoni f'April 2012 tant li f'Ottubru 2012 il-partijiet u l-minuri marru l-Ingilterra jaraw il-kullegg. L-inkwiet qam ghaliex jidher li wara dan il-vjagg, il-missier ried li t-tifla tmur il-kullegg l-Ingilterra fis-sena skolastika 2014-2015 meta t-tifla jkollha 14/15-il sena tant li mela, iffirma wahdu u baghat enrolment form lil Marlborough Collega biex il-minuri tidhol fil-kullegg fis-sena skolastika 2014-2015. Izda l-minuri (almenu kif jidher mir-rapport tal-avukat tat-tfal Dr Stephanie Galea mqabbda mill-Qorti) ma riditx tmur l-Ingilterra izda riedet tibqa Malta. Dan ir-rapport gie xprunat mnn talba tal-konvenut lil Qorti Civili Sezzjoni Familja, biex it-tifla tmur il-kullegg fl-Ingilterra u dan jindika li t-tifla u anki l-omm li tindika anki fil-kawza ma riditx li t-tifla tintbaghat fi skola l-Ingilterra. Il-Qorti tal-Familja b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2012 ordnat li t-tifla ma tintbaghtx fi skola l-Ingilterra izda tibqa tattendi skola f'Malta.

Din is-sitwazzjoni ghada prezentement l-istess. Dan iwassal ghall-effetti legali li jinsorgu minn din is-sitwazzjoni li sehhet sussegwentement ghal dak stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni.

Il-Qorti tqis illi l-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni ghandhom jinqraw fl-assiem taghhom tenut kont tal-intenzjoni tal-partijiet meta sar il-kuntratt. L-artikolu 21(f) hu car fl-interpretazzjoni tieghu cioe illi minkejja dak kollu miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni, il-fond miftuh mill-kontendenti b'ghajnuna finanzjarja sostanzjali taz-ziju tal-konvenut esplicitament ghall-edukazzjoni tal-minuri Lauren ma kellux jigi mittiefes. Dan ifisser illi nonostante l-obbligazzjonijiet tal-missier li jippresta manteniment u l-ispejjez edukattivi f'Malta tal-bint minuri din ma kellhiex taffettwa l-fond. Hu minnu illi bil-fatt li l-minuri ma marritx Marlborough College izda baqghet tircievi edukazzjoni f'Malta skattat il-kundizzjoni favur il-konvenut illi ma jkunx obbligat li jippresta ruhu ghall-ispejjez edukattivi terzjarja jekk il-minuri taghzel fil-futur issiefer barra ghal tali edukazzjoni. Pero l-Qorti tqis illi l-kundizzjoni 21(f) ma hix marbuta ma' tali avveniment kif postulat favur il-konvenut. Il-fond kellu jibqa' mhux mittiefes ghall-ispejjez ta' edukazzjoni tat-tifla Lauren. Dan fil-fehma tal-Qorti tfisser illi ghalkemm il-missier mhux obbligat ihallas hu ghall-ispejjez ta' edukazzjoni terzjarja barra minn Malta, it-tifla ghandha d-dritt tuzufruixxi ruhha minn tali fond

ghall-edukazzjoni, li fi kliem ix-xhud Vincent Rizzo kien wiehed ‘open ended’, ghall-edukazzjoni taghha barra minn Malta sal-ammont li fih il-fond u xejn aktar. Lauren Mizzi ghad ghandha 16-il sena u safejn jirrizulta ghadha tattendi l-iskola. Kwindi kien prematur ghal kollox u barra minn postu li l-konvenut iqis li l-fond kien bla ebda siwi la darba bintu ma maritx Marlborough Collega. Il-kondizzjoni 21(f) ma torbotx il-fond ma’ din l-eventwalita. Kienet biss ix-xewqa tal-konvenut li l-fond jintuza ghal din l-eventwalita izda l-kuntratt ta’ separazzjoni ma jghidx hekk. Anzi jhalli l-fond mhux mittiefes ghall-edukazzjoni tal-minuri u jezonera lil konvenut milli jhallas hu minn butu ghall-edukazzjoni terzjarja barra minn Malta jekk bintu ma tmurx Marlborough College u skond klawsola 8(v) l-obbligu tal-manteniment ghall-edukazzjoni tal-minuri da parti tal-missier jieqaf malli l-minuri taghlaq 23 sena f’liema kaz il-fond ghall-edukazzjoni tal-minuri fil-fehma tal-Qorti jidhol fis-sehh ukoll jekk il-minuri tkun qed tircievi edukazzjoni tezjarja oltre t-23 sena. Hi l-fehma tal-Qorti illi sakemm isseh l-eventwalita li l-minuri tieqaf tircievi edukazzjoni jew jirrizulta li edukazzjoni terzjarja estera hi eskluza jew il-minuri ma tkomplix tircievi edukazzjoni terzjarja f’Malta wara li taghlaq 23 sena, il-fond ma jistax jigi mittiefes.

Ghalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel u t-tieni talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u tilqa’ limitatament it-tielet talba fis-sena li l-assi jibqghu ghand il-fund manager ezistenti pero mhix li l-ammistrazzjoni tibqa’ sakemm it-tifla tispicca l-istudju terzjarju ghax il-fond jista’ jigi bla siwi jekk per ezempju l-minuri tiddeciedi li tieqaf tistudja ghal raguni jew ohra.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ l-ewwel zewg talbiet attrici u ghal dan il-ghan qed tordna lil konvenut jirripristina l-education fund kif kien entro xahrejn millum, u tilqa’ limitatment it-tielet talba billi tordna biss li l-fond jinzamm kif kien qabel ma tnehha mill-konvenut u dan mid-ditta Rizzo, Farrugia and Company. Il-Qorti tqis illi ma hemmx lok li tiddeciedi t-talbiet l-ohra alternattivi tal-attrici billi ntlaqghu l-ewwel zewg talbiet.

Spejjez ghall-konvenut

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur